# Dun Gaetano Mannarino

## *(F'Għeluq il-200 sena mill-mewt tiegħu)*
## *(1733-1814)*
## *(L-Irvell tal-Qassisin)*

**M. Mangion**

Fis-sena 1773, il-Kavallier Aragoniż Francisco Ximenes de Texada kien dejjem iwiegħed lill-poplu Malti li jekk hu jiġi maħtur Granmastru kien jagħmel riforma u jnaqqas l-għoli tal-ħajja. Imma m'għamilx hekk. Meta sab li l-kaxxa tal-finanzi tal-Ordni kienet batuta, beda biex intaxxa l-importazzjoni tal-qamħ. Ħareġ bandu li kienet kontra l-liġi l-kaċċa għall-fniek selvaġġi. Ried li jitħallew joktru biex b'hekk ikun hemm abbundanza ta' laħam. Ħafna nies laqgħuha ħażin din il-bxara, u kif ukoll xi ftit mill-qassisin.

L-Isqof Mgr. Pellerano, wera d-disapprovazzjoni tiegħu għall-ħsara li kienet qed issir fil-ġonna tiegħu bin-numru kbir ta' fniek li bdew joktru. Il-Granmastru tah permezz li hu jista' joħroġ għall-kaċċa fl-artijiet tiegħu. Xi reliġjużi tħajjru minn dan u bdew huma wkoll jagħmlu l-istess. Ximens ipprotesta fuq dan l-abbuż u waqqaf il-bandu. Imma hawn inħoloq inkwiet bejn l-Ordni u l-Kleru.

Fit-30 ta' Awwissu, 1774, grupp ta' kleru mill-parroċċi kollha nġabru quddiem il-palazz u ppreżentaw talba lill-Isqof. Talbuh jorganizza Assemblea tal-Kapitlu Ġenerali biex jissalvagwardja d-drittijiet tal-Kleru u biex ikollhom immunità ekklesjastika. Appellaw ukoll għall-imġieba ħażina ta' xi kavallieri. Mgr. Pellerano m'aċċettax it-talba tagħhom, u bagħathom imorru lura lejn il-parroċċa tagħhom rispettiva biex jevita aktar inkwiet.

Il-mod kif kien qed jaħdem il-Gvern kien dejjaq lill-poplu. Ximenes ħa passi drastiċi biex jagħmel ekonomija stretta. Keċċa l-professuri barranin mill-Università, u naqqas in-numru tal-korsijiet. Naqqas uffiċċji tal-Gvern, baxxa l-paga ta' ħafna uffiċjali. Dan qala' ħafna nkwiet.



*Dun Gaetano Mannarino*

F'Mejju tal-1775, Mgr. Pellerano telaq minn Malta, u ma ġie qatt lura. Dan wera li l-Ordni kienet rebħet. Il-kleru kienu mdejjqin ħafna, u l-poplu wkoll. Dan ħoloq tensjoni kbira.

L-Inkwiżitur sejjaħ lill-Kappillani kollha u qalilhom biex jenfasizzaw mal-kleru li kellhom id-dmir li jirrispettaw u jobdu l-liġijiet ċivili.

Dan l-inkwiet wassal biex tfasslet rewwixta għal nhar it-8 ta' Settembru, 1775, li għalija kien hemm ukoll numru ta' saċerdoti mmexxija minn Dun Gaetano Mannarino. Dan il-qassis kien twieled il-Belt, f'Awwissu tal-1733. Kien magħruf bħala saċerdot kwiet u twajjeb qabel l-Isqof Pellerano bagħtu fil-Parroċċa ta' San Publiju, il-Furjana. Jingħad li kien hu l-moħħ wara r-rewwixta. Kienu ħafna dawk li qalu li kienu se jkunu preżenti għal din ir-rewwixta. Però, meta waslet il-ġurnata miftehma, ftit kienu dawk li ġew. Dun Gaetano ddeċieda li xorta kienu se jimxu. Kien hemm ftit membri tal-kleru, u xi nies oħra. Iffurmaw żewġ gruppi. Grupp minnhom, li kien fih 13, irnexxielhom jidħlu fil-Forti Sant'Iermu kmieni filgħodu, għax il-gwardji ma kinux armati u ma kinux lanqas ippreparati.

Il-grupp l-ieħor, irnexxielhom, bi ċwievet foloz, jiftħu r-rixtellu tal-Kavallier ta' San Ġakbu, u rnexxielhom jaħtfu l-fortizza. Il-bandiera tal-Ordni fiż-żewġ postijiet ġiet imniżżla u minflokha ġiet imtellgħa dik Maltija.

Meta sema' dan il-Granmastru Ximenes sejjaħ il-Kunsill tal-Istat biex jieħu l-passi neċessarji biex irażżan ir-rewwixta. Il-paċi fil-Belt kien reġa' jirrenja, u ttieħdu l-miżuri meħtieġa malajr. Il-Gvernatur tal-Imdina, li kien il-Belt dakinhar, irraporta li fl-Imdina kien jirrenja s-sliem.

Kull tant kienu jiġu sparati tiri mill-Forti Sant'Iermu. Il-Granmastru kien għadu qiegħed jittama f'rikonċiljazzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat il-Vigarju Ġenerali, Mgr. Gaetano Grech, biex jara x'kienu l-problemi tal-irvell.

Il-Vigarju sar jaf li riedu li




jieqfu l-bombardamenti sal-4 ta' wara nofsinhar, u wegħdu li kienu se jagħmlu t-talbiet tagħhom bil-miktub. Il-paċi mitlub ġie aċċettat imma xorta baqgħet mibgħeda. Fil-ħin li suppost kien waqa' l-kwiet, il-Kavallier ta' San Ġakbu ġie assaltat, u l-konġurati ċedew. Ftit mill-konġurati li kienu għadhom ġewwa staħbew f'rokna u bdew jisparaw fuq dawk li daħlu fuqhom. Il-Kavallieri qabdu erbgħa mill-mexxejja tal-rewwixta u qatluhom, u qatgħulhom rashom. L-irjus poġġewhom fil-kantunieri tal-Kavallier ta' San Ġakbu.

Don Mannarino, f'żewġ ittri tiegħu, niżżel l-ismijiet ta' dawk kollha li kienu nvoluti fir-rewwixta. Fosthom kien hemm 28 reliġjużi. Għaxra minn dawn lanqas kienu attendew f'dik il-ġurnata miftehma, u sitta kienu telqu minn Sant'Iermu u mill-Kavallier San Ġakbu. B'hekk kien baqa' tmintax reliġjużi li ħadu sehem sal-aħħar.

Fl-20 ta' Ottubru, 1775, beda l-ġuri tagħhom. Dun Gaetano Mannarino, u l-kjeriku Ġiuseppe Dimech, ġew mogħtija sentenza ta' għomorhom il-ħabs. Xi oħrajn ġew eżiljati. Dan il-ġuri kompla ukoll wara l-mewt ta' Ximenes.

Fl-4 ta' Novembru, laħaq il-Granmastru l-ġdid, De Rohan. Dan kien iktar twajjeb minn Ximenes. Ordna li jitneħħew l-irjus li kienu għadhom qegħdin fil-kantunieri tal-Kavallier San Ġakbu.

Dun Gaetano Mannarino ġie meħlus mill-ħabs minn Napuljun Bonaparti li kellu ammira kbira lejh. Dan ġara f'Ġunju, 1798, b'hekk Dun Gaetano kien qatta' 23 sena fil-ħabs. Mar joqgħod San Ġiljan u hemm miet fis-7 ta' April, 1814. Kellu 80 sena. Hemm min jgħid li ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, ta' Birkirkara. Hemm lapida kbira tal-injam f'parti mis-Sagristija ta' din il-knisja.

Min jgħid li hu Patriott għax iġġieled għal-libertà tal-Maltin, imma hemm ukoll min iqisu bħala Traditur.

## *Obitwarju*

# Niftakru fil-mejtin tagħna



**Catherine Spiteri**
14 ta' Novembru
2013



**Joseph Cutajar**
18 ta' Frar
2014



**Emanuel Camilleri**
19 ta' Marzu
2014



**Joseph Baldacchino**
1 ta' Awwissu
2014



**Maria Concetta Duca**
22 ta' Awwissu
2014



**Annie Micallef**
5 ta' Settembru
2014



**Maria Abela**
12 ta' Settembru
2014



**Angelo Gatt**
23 ta' Settembru
2014

*Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*